MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 928/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C-5553) kif surrogata fid-drittijet tal-assikurat taghha Raymond Cutajar sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Raymond Cutajar (ID 14259 M)**
**vs**
**Nicholas Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Mejju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tlieta u sebghin lira Maltija u seba' centezmi (Lm473.07), rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident automobilistiku tat-22 ta' Gunju, 2003, fit-triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi, bejn vettura numru tar-registrazzjoni CBH-047 misjuqa mill-konvenut u propjeta tieghu ul-vettura numru tar-registrazzjoni BBI-634 misjuqa minn u propjeta ta' Raymond Cutajar, prevja ghad-dikjrazzjoni, jekk hemm bzon, li**

**l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, in perizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-trafikku da parti tal-konvenut.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta assikurattrici tal-konvenut, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-24 ta' Mejju, 2004, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, stante li l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza, gara unikament tort tas-sewwieq Raymond Cutajar u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-tratazzjoni tal-kawza.**

**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' John Lentini, Rita Cutajar, Raymond Cutajar, ex PS Joseph Magani, PS677 Joseph Pace u Nicholas Farrugia. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri jitrataw.**

**Ikkundsidra :**

**1. Dan il-kaz jirigwarda kolizzjoni li sehhet fit-22 ta' Gunju, 2003, fit-Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi. Il-vetturi involuti fil-kolizzjoni kienu dik misjuqa mill-attur Raymond Cutajar bin-numru BBI-634 u dik misjuqa mill-konvenut Nicholas Farrugia bin-numru CBH-047.**

**2. Jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu mixjin fl-istess direzzjoni u cioe' kienu mixjin fid-direzzjoni tal-Imqabba, ghaddejin mill-by pass tas-Siggiewi.**

**3. Jirrizulta illi dakinhar kienet il-festa ta' San Nikola u kien hemm karozzi pparkjati fit-triq biex jaraw ig-giggifogu.**

**4. Skond Raymond Cutajar u martu Rita li kienet passiggiera mieghu huma kienu ghaddejin bis-swit il-**

**karozzi pparkjati meta giet il-karozza tal-konvenut minn wara, fil-waqt illi mill-faccata kienet gejja karozza ohra. Skond l-attur il-konvenut dahal fijhom biex ma jahbatx mal-vettura li kienet gejja mill-faccata.**
**5. Il-konvenut jallega illi l-attur kien hareg f'salt minn fejn kien ipparkjat u kienet din il-manuvra li kkawzat l-incident.**
**6. Jirrizulta illi ma kienx sar skizz, peress illi l-konvenut telaq minn fuq il-post.**
**7. Jirrizulta wkoll illi l-hsara fil-vettura tal-attur kienet fil-bieba tal-lemin lura, dan jindika bic-car illi huwa minnu dak li qed jghid l-attur, fis-sens illi l-konvenut kien ser jisorpassah meta ra l-vettura l-ohra gejja, rass ghal fuq l-attur bil-konsegwenza illi laqtu kif inghad, ghalhekk fil-fehema tat-Tribunal l-incident sehh unikament tort tal-konvenut.**
**8. Id-danni jirrizultaw pruvati mix-xhieda ta' John Lentini u mid-dokumenti JL1 sa JL5.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo*, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tlieta u sebghin lira Maltija u seba' centezmi (Lm473.07), bl-imghax legali dekkoribbli mill-15 ta' Mejju, 2004.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------